MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANTHONY ELLUL

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2012

Citazzjoni Numru. 681/2010

**Perit Reuben Sciortino**

**Vs**

**Gordon Agius u Lara-Ann Agius**

1. Il-kawza titratta talba ghall-hlas ta' **tnax-il elf hames mija u tlieta u hamsin ewro u dsatax-il centezmu (€12,553.19)** somma li l-attur qieghed jippretendi ghall-ghoti ta' servizz professjonali lill-konvenuti relatat ma' zvilupp li kelli jsir fuq sit f'Bahar ic-Caghaq. Jirrizulta li l-attur hareg zewg kontijiet:-

i. 25 ta' Marzu 2008 ghal *"Designs of proposed development Including Site Visits"* ghal **€961.70**.

ii. 8 ta’ Lulju 2009 ghal *“Including design, submission of Mepa permit and follow up till the approval of permit”* ghal **€11,591.49**.
L-attur ikkonferma li kienet decizjoni tieghu li ma jkomplix bl-inkarigu.
2. Permezz ta‘ twegiba guramentata prezentata fid-9 ta‘ Novembru 2010, il-konvenuti jsostnu li l-ammont li qieghed jintalab hu ezagerat peress li jqiesu spejjez ta’ *finishing* li ma kienx jifforma parti mill-progettar u pjant li pprepara l-attur.

Fis-seduta tal-21 ta’ Ottubru 2012 il-konvenuti ddikjaraw li ***“....fil-fehma taghhom id-dritt li ghandu jithallas lill-attur huwa Eur 6,500 u t-Taxxa relattiva fuq il-Valur Mizjud.”*** (fol. 18), li jfisser total ta’ sebat elef sitt mija u sebghin ewro (€7,670).

3. Skond paragrafu 10 tat-Tariffa K tal-Kap. 12, perit ghandu jedd jithallas ghal:-

*’10. Design and Erection of Buildings*
*For taking the client’s instructions, preparing sketch designs, making approximate estimates of cost by cubic measurement or otherwise, submitting applications for building and/or other licences, preparing working drawings and specifications, giving general supervision, issuing certificates of payment and certifying accounts, the fee in respect of new works is to be assessed as follows........’*.

*‘11. Fees in cases when the Perit Abandons or is Abandoned by the Client or Works remain Unexecuted*

*1. If a project referred to in paragraph 10 of this Tariff or part thereof is abandoned or if the perit abandons or is abandoned by the client:*
*(a) after the perit has taken the client’s instructions, prepared preliminary sketch designs sufficient to indicate the interpretation by the perit of the client’s instructions*

*and made an approximate estimate of the cost of the project, the fee shall amount to one-third (1/3) of the fees specified in paragraph 10;*
*(b) after the perit has taken the client's instructions, prepared sketch designs, made an approximate estimate of the cost, submitted applications for building and/or other licences, and prepared working drawings and specifications, the fee shall amount to two-thirds (2/3) of the fees specified in paragraph 10'*.

4. L-attur, fis-seduta tal-21 ta' Ottubru 2012, ipprezenta zewg dokumenti ntestati *feasibility studies*, datati 28 ta' Jannar 2008 (fol. 19) u 23 ta' April 2008 (fol. 21). Fihom hemm kalkolu ta' spejjez relatat ma' demolizzjoni, skavar, kostruzzjoni, finishing u dhul mill-bejgh tal-appartamenti u garaxxijiet. Il-kalkoli li hemm f'dawn id-dokumenti ma jaqblux mac-cifri li jissemmew fil-kontijiet li pprezenta mar-rikors guramentat.

5. Il-perit tekniku, li kien inhatar biex jassisti lill-qorti b'digriet tas-17 ta' Marzu 2011, esprima l-fehma li:-

i. Il-hlasijiet professjonali ghandhom jigu kkalkulati skond it-tariffa K tal-Kap. 12.
ii. L-attur kien iddiskuta biss dwar finishes, u dan fil-livell tal-penthouse ; *'Dwar id-diskussjoni dwar split level u kulur tal-hitan ma jfissirx illi l-perit ser jidhol responsabbli ghal-interior design u jiehu hsieb il-finishes. Il-frazi rikorrenti fix-xhieda tal-attur kienet 'at an early stage kien ghadu kmieni wisq.'*.
iii. Il-fatt li fil-*feasibility study* hemm inkluz stima ta' kemm ser jiswew il-*finishes*, ma jfissirx li l-hlas ghandu jinkludi kalkolu fuq din l-istima a bazi tat-Tariffa K.
iv. L-attur ghamel iktar xoghol minn dak stipulat fil-paragrafu 11(a) tat-Tariffa K, izda inqas xoghol minn dak stipulat f'paragrafu 11(b) peress li ma ghamilx *'working drawings and specifications.'*.

6. Il-qorti tosserva li z-zewg partijiet ghamlu l-kalkoli taghhom a bazi tar-rata ta' 4% fuq l-ispiza. Ghalhekk gialadarba hemm qbil bejn il-partijiet b'liema rata ghandu jigi kkalkolat id-dritt li hu dovut lill-attur, il-qorti mhux ser taddotta l-parir moghti mill-perit tekniku. Ghalhekk il-qorti ser tapplika paragrafu 11(b) tat-Tariffa K. Id-divergenza hi dwar jekk fl-ispiza ghandix tigi inkluza l-istima dwar l-ispejjez relatati mal-*finishes*.

Il-qorti tosserva li:-

(a) L-attur stess ikkonferma li l-*feasibility study* sar biex jintuza ghal skop ta' finanzjament tal-progett mill-banek (fol. 41).
(b) L-attur ma tax prova sodisfacenti li ghamel xoghol li jintitolah li fil-kalkoli jinkludi l-ispiza ghal *finishes*. Minn qari tax-xhieda l-qorti hadet l-impressjoni li ftit li xejn sar kliem fuq il-*finishes*. Pjuttost dan hu kaz fejn il-perit Sciortino ta xi pariri preliminari, u xejn iktar.
(c) Fil-fehma tal-qorti m'huwiex bizzejjed li perit jaghti stima tal-ispejjez ghal *finishing*. Irid jidhol fid-dettall dwar ix-xoghol li ghandu jsir. Jigi rilevat kif per ezempju l-perit Alexander Bianchi, li jahdem fl-ufficcju tal-attur, ma semma xejn dwar finishes fl-affidavit tieghu (fol. 9). Fatt li jsahhah il-fehma tal-qorti li l-kliem li seta' sar kien biss b'mod preliminari. Inoltre paragrafu 10 tat-Tariffa K jatik x'tifhem li r-rata ta' hlas li tissemma f'dak il-paragrafu hi stabbilita ghal dizinn u bini, u mhux xoghol ta' *interior design*.
(d) L-attur xehed: *"Ahna nfatti ghamilna pjanti ghall-applikant ghall-klijent fejn ghamilna pjanti bil-furniture layout li kieku ahna ma konnhiex naghmluhom."* (fol. 45). Kliem li qal biex juri li ghandu jedd jippretendi hlas fuq il-finishes. Il-qorti rat il-pjanti esebiti fil-process u tikkonkludi li ghalkemm fil-pjanti, prezentati mal-applikazzjoni ghall-permess ta' zvilupp, tidher xi ghamara, dan m'huwiex bizzejjed sabiex l-attur jikkonvinci lill-qorti li ghandu jedd li jippretendi hlas bir-rata ta' 4% fuq l-istima li ta fid-dokument a fol. 21 tal-process. Ezercizzju li m'hemmx

dubju li ma hax hafna hin u ghalhekk il-verzjoni tal-attur m'hijiex gustifikata.

7. Waqt id-deposizzjoni l-attur semma wkoll li hemm hlas dovut ghal stima tal-fond u ta' fond iehor fil-Madliena. Mill-kontijiet li pprezenta flimkien mar-rikors guramentat, u li fuqhom hi bbazata l-kawza, il-qorti m'hijiex tal-fehma li dawn l-istimi huma komprizi. Il-qorti temmen li dawn issemmew fid-dokument a fol. 21 li pprezenta fil-21 ta' Ottubru 2010, sabiex l-attur izied il-pretensjoni tieghu u ghall-ebda raguni ohra. Dan m'ghandux ikun.

8. Meqjusa dawn ic-cirkostanzi l-qorti hi tal-fehma li l-attur ghandu jedd li jithallas:

i. €174,237.13 (Lm74,800) x 4% = €6,969 + 18% VAT = **€8,224**. B'riferenza ghan-nota ta' sottomissjonijiet prezentata mill-konvenuti fil-25 ta' April 2011 (fol. 107), il-konvenuti ma spjegawx ghalfejn ghamlu l-kalkoli taghhom fuq spiza ta' €162,500. Fl-ispiza li a bazi taghha saru l-kalkoli, il-qorti nkludiet 10% *Contingency* li jidher li hi accettata tant li l-perit tekniku zied *Contingency* ta' 15%. Madankollu gialadarba fil-kalkoli li ghamel l-attur zied 10% *Contingency*, il-qorti ma tarax ghalfejn ghandha zzid il-persentagg minn dak dikjarat mill-attur.

ii. €500 + 18% VAT = **€590** ghal xi parir li seta ta lill-konvenuti dwar xoghol ta' finishing. Somma li qeghda tigi ffissata mill-qorti fuq bazi ta' *arbitrio boni viri*.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tilqa' t-talbiet tal-attur limitatament ghas-somma ta' tmint elef tmien mija u erbatax il-ewro (€8,814), u ghalhekk tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu din is-somma lill-attur bl-imghax mid-data tan-notifika tar-rikors guramentat.**

**Spejjez jinqasmu in kwantu ghal 70% a karigu tal-konvenuti u 30% a karigu tal-attur.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------